MTARFA

**IR-RABA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 14 - L-ERBGĦA 1 ta’ April 2009**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fis-7.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi-Sindku |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsiller |
| | Bernard Borg | Kunsillier |
| | Hector Cassola | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Il-Laqgħa bdiet fit-8.00pm flok fis-7.30pm peress li s-Sindku kellu laqgħat oħrajn dwar xogħol tal-Kunsill.

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Il-minuti tat-tlettax il-laqgħa tal-Kunsill ġew meħuda bħala moqrija, ma kien hemm ebda korrezzjoni xi jsiru. Is-Sindku iffirma il-minuti wara li dawn ġew approvati mill-Kunsill.

2. **PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI**

2.1 Il-Kunsill ma kellu ebda punti xi jqajjem dwar il-minuti.

3. **EVALWAZZJONI TAL-OFFERTI MIĠBURA**

3.1 *Flower Power*: Il-Kunsill qabel illi jordna 60 siġra taż-Żebbug u 15 tal-Prinjol mingħand din il-kumpanija peress illi din kellha l-iktar prezz vantaġġjuż mill-offerti li daħlu.

3.2 *Bill-boards*: Peress li ma kien hemm ebda offerta mitfugħa, il-Kunsill qabel li jagħmel il-*frame* tal-*bill-billboards* mill-ħaddiema tal-IPSL u jordna l-pjanti biex jitwħħlu fuq il-*bill-boards*.

3.3 *Tender Soft Areas*: Il-Kunsill iddeċieda li tinħareg din it-*tender* b'effett immedjat u l-A/SE ġie inkarigat sabiex jipprepara id-dokumenti u l-pjanti kollha għal din it-tender u dawn jiġu ppreżentati lill-Kunsill għall-approvazzjoni qabel ma tiġi ppublikata it-*tender*.

3.4 Offerta għal xiri ta' *bin*: Il-Kunsill qabel illi l-*bin* li ġarrab ħsara fejn l-iskola Sekondarja kellu jitbiddel u jinxtara ġdid u għal dan il-għan kellu jiġi ordnat mid-ditta Borg Cardona f'Ħal Balzan.

3.5 *Bus Shelter*: Il-Kunsill qabel li jerġgħu jigu ppublikati offerti għal *bus shelter* fil-lokalita, peress li l-Kunsill ma kien irċieva l-ebda risposta meta nħargu t-talbiet għal-xiri ta' *bus shelter*.

3.6 Offerta għal servizz ta' *mobile toilets* għal attivitajiet esterni tal-Kunsill: Fost it-3 offerti li daħlu, il-Kunsill qabel li jordna 4 *mobile toilets* mingħand il-Greenlines għall-attivita *Military Aspects Living Exhibition* bil-prezz ta' €41.30 il-wieħed inkluż il-VAT.

3.7 Offerta għal xogħol biex jitħaffru 15 -il konka biex jitħawlu siġar tal-Prinjol metru kubu fiż-żona ta' Triq Sir Leslie Rundle. Il-Kunsill qabel li x-xogħol jingħata lis-Sur Mario Sant ta' Triq it-Torri, ir-Rabat, bil-prezz ta' €1220.55 inkluż il-VAT. Il-prezz għal vjaġġ ħamrija u tħawwil ta' siġar bil-VAT inkluż ikun ta' €46.51. Wara ix-xogħol isir it-tindif tal-materjal li jkun tħaffer inkluż il-prezz imsemmi hawn fuq.

3.8 Offerti għal tabelli tal-ismijiet tat-toroq: Peress li ma kienet waslet ebda offerta fl-uffiċċju tal-Kunsill wara l-pubblikazzjoni, il-Kunsill qabel li jerġa jippublika din l-offerta fil-gazzetta tal-Gvern.

## 4. *SOFTWARE* ĠDID U XIRI TA' *COMPUTERS* GĦALL-KUNSILL

4.1 Xiri ta' *computers*: Kien hemm 3 offerti u wara illi l-Kunsill għamel evalwazzjoni tal-prezzijiet u l-kundizzjonijiet, kien hemm qbil li l-offerta ta' *Scan Computers* kienet l-iżjed waħda vantaġġjuża partikolarment fejn jidħol *after sales service*. Il-Kunsill qabel.

## 5. ĦADDIEMA NGAĠĠATI MAL-KUNSILL MILL-ETC DWAR IL-*COMMUNITY WORK SCHEME*

5.1 Offerta mill-Korporazzjoni ta' Żvilupp u Taħrig sabiex jiġu ingaġġati ħaddiema fuq l-iskema *Community Work Scheme*. L-A/SE spjega li dawn il-ħaddiema jiġu ingaġġti mal-Kunsill, mħallsa mill-ETC u jaħdmu *part-time* fuq bażi ta' 30 siegħa fil-ġimgħa sa minimu ta' 3 xhur u mhux iżjed minn 6 xhur. Il-Kunsill jista' iġedded iż-żmien bi ftehim mal-ETC. Il-Kunsill qabel li japplika għal skrivan/a għall-Uffiċċju Amministattiv u tlett ħaddiema oħra għal xogħlijiet fuq barra tal-lokalita.

## 6. ATTIVITAJIET KULTURALI

6.1 Id-dramm "Il-Mewt taż-Żewġ Ulied" għal festi tal-Ġimgħa l-Kbira ser issir it-Tnejn 6 ta' April, it-Tlieta 7 ta' April, u l-Erbgħa 8 ta' April. Tqassmu 350 poster madwar Malta. Dan id-dramm jibda fiċ-ċentru tar-raħal fit-8.00pm. Il-Kunsill qabel li jħallas €450 għal tamir ta' dawl u *sound* għal din l-attivita. Kien hemm qbil li l-Kunsill se jikri 100 siġġu bil-prezz ta' €0.50 il-wieħed. F'każ li t-temp ma jippermettiex, din l-attivita tiġi trasferita f'Depiro Hall.

6.2 *Children's Easter Party*. Dan ser isir nhar it-Tlieta 14 ta' April bejn l-4.00pm u s-7.00pm għal madwar 100 tifel u tifla u jingħataw tifkira għal din l-okkażjoni.

6.3 San Girgor 15 ta' April 2009. Il-Kunsill approva li ssir ħarga lir-residenti fejn huma iħallsu €1.00 u l-komplament tal-ispiża titħallas mill-Kunsill.

6.4 Pubblikazzjoni ta' fuljett bl-attivitajiet tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ser jippubblika fuljett li jiġbor fih l-attivitajiet għax-xhur ta' April u Mejju. Dawn l-attivitajiet huma kif ġej:

- Id-Dramm "Il-Mewt taż-Żewg Ulied"
- Jum l-Imtarfa serata poe-mużika letterarja
- Messaġġ tal-Kunsill bir-ritratti tal-Kunsilliera
- Il-*Military Aspects Living Exhibition*
- Ser jiżdied fuljett ieħor li jagħti informazzjoni dwar il-festa ta' San Girgor u Jum l-Omm

Il-Kunsill qabel li għal Jum l-Omm fis-6 ta' Mejju għandha ssir ħarġa għall-ommijiet bil-prezz ta' €7.50 inkluż it-trasport.

6.5 Jum l-Imtarfa. L-A/SE ippreżenta l-programm li hu kien irċieva mingħand l-Għadqa Poeti Maltin. Dan il-programm huwa ta' serata poe-mużika letterarja. L-A/SE ippreżenta *specimen* ta' inviti mingħand *Bonniċi Press* u sar qbil sabiex jiġu ordnati 100 invit għal din l-okkażjoni bil-prezz ta' €35.00 esklużа l-VAT.

6.6 *Football Tournament*. Is-Sindku ippropona li din l-attivita tiftaħ fis-20 ta' April u tibqa sejra sas-26 ta' April. Dan it-*tournament* ser isir bejn il-*football clubs* tal-Imdina, ir-Rabat, Ħad Dingli, u l-Imtarfa. L-A/SE informa lis-Sindku li kellu telefonata mingħand il-President tal-Ajax Club tar-Rabat, fejn intqal illi l-*club* tar-Rabat seta jkollu xi problemi dwar dawk id-dati.

6.7 *Exhibition* ta' Pittura. Ser tittella eżebizzjoni fil-Kunsill Lokali bejn is-27 ta' April u l-Ħadd ta' wara. Il-Kunsill qed jistieden il-pubbliku in generali biex jattendi l-Iskola Primarja, Sekondarja, Dar il-Kaptan, u l-Adult Training Centre. Ser ikun hemm eżebizzjoni ta' pittura u *collage* fejn Ms. Marlene Gouder ser tagħmel ir-regolamenti għal din l-okkażżjoni.

6.8 Għandha ssir laqgħa oħra mal-Għaqda Poeti Maltin sabiex jiġu kko-ordinata l-attivitajiet fejn is-Sur Magro, il-President tal-Għaqda ser ikun preżenti.

6.9 *Wardens* u Pulizija: Għal dawn l-attivitajiet għandhom isiru applikazzjonijiet għal-żewg *wardens* u Pulizija fil-lokalita sabiex tingħalaq Triq ir-Reġimenti Maltin mill-Pulizija u sabiex ikun hemm kontroll u tneħħija ta' karozzi minn ċerti parkeġġi għal *wardens* biex jieħdu ħsieb dwar dan.

6.10 Għandha ssir banda fit-toroq għal Jum l-Imtarfa mid-9.30am sa 12.00pm. Il-Banda hija *Big Friends Guggen Musik* u għandha ssir stedina lill-i*scouts* tal-Mosta. Il-programm huwa kif ġej:

- Is-Sibt 25 ta' April – Serata Poe- Mużika Letterarja fl-Iskola Primarja tal-Mtarfa.
- Il-Ħadd 26 ta' April – Banda fit-toroq tal-Mtarfa mid-9.30am sa 12.00pm
- It-Tnejn 27 ta' April – Fis-6.00pm l-i*scouts* jitilqu mill-Iskola Sekondarja għal Knisja tal-Mtarfa . Fis-6.30 pm quddiesa fil-Knisja. Fis-7.30pm l-i*scouts* jimmarcjaw mill-Knisja għal *Mtarfa Shelter*.

6.11 *Swedish Twinning*. Id-deligazzjoni tasal fis-26 ta' April fejn tiġi milqugħa mis-Sindku u l-Kunsillieri fl-ajruport. Għandha ssir preżentazzjoni mill-Kunsillier Bernard Borg. Il-Kunsillier approva l-ispejjeż għal din id-deligazzjoni.

6.12 L-Ex A/SE tal-Kunsill Paul Gatt ġie appuntat ko-ordinatur sabiex ikun fuq il-kumitat tal-organiżazzjoni għal din l-attivita.

## 7. APPROVAZZJONI TA' XOGĦOLIJIET BIEX JITWETTQU

7.1 Applikazzjoni għal *zebra crossing* fi Triq San David quddiem il-bandli. Il-Kunsill qabel li din issir wara li din tiġi approvata l-applikazzjoni mill-ADT.

7.2 Għandhom jinqalgħu 3 siġriet li jinsabu:

- Triq Philip Pullicino,
- Oħra fil-*groun*d tal-*football* u
- Binja San David

7.3 Tinħareg offerta biex jinqalgħu 8 siġriet minn fejn il-bandli u jitħawlu fiż-żona tal-Karnival.

7.4 Għandha tinħareg *tender* għal xiri ta' ħamrija biex titwetta fiż-żona tal-Karnival.

7.5 Għeluq ta' toroq għal Jum l-Imtarfa u għandha ssir applikazzjoni biex jitpoġġew żewġ *wardens* fis-26 ta' April bejn id-9.30am u 12.00pm għall-banda.

7.6 Jum l-Imtarfa, t-Tnejn 27 ta' April, irid ikun hemm żewġ *wardens* oħra għall-attivita ta' filgħaxija bejn is-6.00pm u is-7.30pm.

7.7 Il-Kap tal-iskola Sekondarja s-Sur M.Grima qabel li jieħu ir-responsabbilta tat-tindif tal-iskola għall-okkażjoni tal-*Military Aspects Living Exhibition*.

7.8 Ittra mingħand il-*headmistres*s tal-iskola Primarja, is-Sinjura Joanne Mifsud, fejn qegħdha titlob li jsir ftehim bil-miktub mal-Kunsill dwar il-ftuħ tal-iskola u l-użu ta' parti tal-iskola fil-25 ta' April u fis-17 ta' Mejju għall-attivitajiet tal-Kunsill. Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono kien għamel żjara lill-iskola Primarja sabiex jara il-kmamar li ser jintużaw għal dawn l-okkażjonijiet. Għalhekk il-Kunsillier Scerri Diacono għandu jifformula dan il-ftehim mal-Kap tal-iskola

7.9 Dwar ittra għal talba mill-Maġġur tal-Pulizija tar-Rabat li pprezenta il-Kunsill fuq talba tar-residenti mill-Imtarfa sabiex isiru "*No Stop*" *signs* fi Triq il-Gilju, il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lill-Pulizija sabiex jagħmlu t-talba tan-"*No Stop*" *signs* bil-miktub.

7.10 Talba mis-Sur Carmelo Tonna sabiex jinfetaħ jew isir taraġ mal-ġenb tat-Triq Salvatore Manduca. Il-Kunsill se jikkonsidra it-talba tiegħu skond applikazzjoni li trid issir lill-MEPA.

7.11 Is-Sur Charles Cutajar talab li hemm ħajt li parti minnu jinsab miftuħ fi Triq Santa Lucija kantuniera mal-Ex Married Quarters. Il-Kunsill qed jitlob lill-MEPA sabiex tagħmel spezzjoni biex wieħed jiġġustifika jekk dan il-ħajt kienx infetaħ bil-permess tal-MEPA.

7.12 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono staqsa jekk il-korsijiet tal-*cumputers* fis-sajf humiex se jsiru. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom isiru.

7.13 Il-Kunsill qabel li għandha ssir ittra lill-Kumitat Residenti Binja Qlejgħa (Ms. Miriam Pulis) biex isir appuntament l-14 ta' April fit-8.00pm.

7.14 Dwar il-petizjoni mir-residenti ta' Triq Gregorio Carafa sabiex jitneħħa l-iskip, il-Kunsill qabel li sal-11 ta' April dan l-iskip jibqa fit-triq imsemmija kif kien ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill. Sa dan it-tant il-petizjoni li ġiet iffirmata għandha tiġi vverifikata li dawn huma vera residenti skond il-karta tal-identita tagħhom.

7.15 Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mal-avukat tal-Kunsill dwar allegazzjoni mill-Perit Buhagiar għadu iżomm il-kariga bħala l-perit tal-Kunsill.

7.16 Laqgħa oħra għandha ssir mal-Perit Robert Musumeci sabiex jispjega lill-Kunsill dwar il-progetti pendenti.

## 8. *CLUBHOUSE*

8.1 Il-Kunsill qabel li jinforma lill-avukat tal-Kunsill li l-appuntament li kien sar għal-15 ta' April jigi ikkanċellat minħabba impenji oħra u jerġa jsir appuntament ieħor sabiex jiġi furmulat il-ftehim bejn il-Kunsill u l-kirja tal-clubhouse. Għandha tinkiteb ittra lis-Sur Ian Sansone, Segretarju tal-Mtarfa F.C.Y.N biex dan jersaq għal kuntratt skond il-kundizzjonijiet msemmijha fl-ittra mill-Awtorita tad-Djar Ref: HA 163/97.

**9. AĠĠORNAMENTI**

9.1 Il-Kunsilliera Helen Bugeja resqet ilment dwar invit li kellha biex tattendi attivita tal-anzjani u hija ma attendietx minħabba illi ma kienitx infurmata bit-telephone mill-Ufficju tal-Kunsill b'dan l-invit. Hija tablet li għandha tinkiteb ittra ta' apologija lid-*Day Centre* tal-Anzjani għal dan in-nuqqas.

9.2 Is-Sindku ressaq talba tas-Sinjura Dorothy li tablet *sponsorship* ta' €150 biex isiru attivitajiet għal għeluq 10 snin mill-anniversarju tat-twaqqif tad-*Day Centre* tal-Imtarfa. Din il-proposta tħalliet biex tiġi diskussa fil-laqgha li jmiss u tittieħed deċiżjoni dakinhar.

**10 GĦELUQ IL-LAQGĦA**

10.1 Is-Sindku għalaq il-laqgħa fil-11.30pm.

| | |
|---|---|
| Anthony Mifsud | Hector Cassola |
| Sindku | A/Segretarju Eżekuttiv |

8 ta' April 2009